KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 434 (8-62)

It-Tnejn 13 ta' Marzu fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Kurstein Sant
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia (daħlet għal-laqgħa fis-7.00pm)
Il-Kunsillier Adrian Farrugia (daħal għal laqgħa fis-7.15pm, ħareġ fis-9.15pm)

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

| | |
|---|---|
| **434.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **434.1.2** | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace. |
| **434.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| **434.2.1** | Inqraw il-Minuti tas-Seduta 431, 432, u 433. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. |
| **434.2.2** | Il-Viċi Sindku ssekondat. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett. |
| **434.2.3** | **Punti li joħorġu mill-Minuti**<br>Ma tqajjem l-ebda punt mil-Minuti. |
| **434.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| **434.3.1** | Is-Sindku rrefera għas-Serata tal-Onorefiċenza u qal li kienet okkażjoni sabiħa u investiment għal-lokalita' tagħna. Hu qal li din kienet ċerimonja ta' livell għolja li kapaċi jtella l-Kunsill u rringrazzja lil kull min ta l-impenn tiegħu biex din tkun suċċess. Is-Sindku qal li sema ħafna kummenti pożittivi li jinkoraġixxu iktar ħidma u inizjattivi simili, b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet. Huwa qal li l-president Emeritu irringrazjat tal-istedina u faħħret il-professjonalita' u l-impenn tal-attivita'. |
| **434.3.2** | Is-Sindku qal li l-attivita' li jmiss fil-programm ta' Jum is-Siġġiewi hija l-attivita' ambjentali nhar is-Sibt f'Għar Lapsi fejn ser isir tindif u taħwil ta' siġar. Is-Sindku qal li l-għaqdiet ġew mistednin jagħtu is-sehem tagħhom. Din l-attivita' ser issir bil-kollaborazzjoni mal-NGO 7R, u bis-sehem ta' numru ta' studenti mill-Iskola Primarja tas-Siġġewi. Is-Sindku irringrazzja lir-Reġjun Punent u lil Project Green li provdew numru ta' siġar u arbuxelli. |
| **434.3.3** | Is-Sindku fakkar fl-attivita' sportiva tal-Ħadd 26 ta' Marzu, fej ħa ssir preżentazzjoni tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, bil-kollaborazzjoni ta' Sport Malta, il-klabb tal-football u basketball tas-Siġġiewi u anka d-Dar tal-Providenza. |
| **434.3.4** | Is-Sindku qal li l-ġimgħa l-oħra l-Kunsill tella' b'suċċess konferenza fuq jumejn bħala l-ewwel attivita' ta' proġett ewropew fejn laqa' delegazzjoni ta' 40 ruħ minn ħmistax il-pajjiż differenti u żewġ gruppi ta' tfal mill-Kulleġġ San Injazju. Is-Sindku rringrazzja tal-koordinament biex din l-attivita' setgħet tkun suċċess. |
| **434.3.5** | Is-Sindku qal li x-xahar t'April ser ikun impenjattiv ukoll, fl-inawgurazjoni tal-proġett ta' restawr fl-4 t'April u l-Via saSgra b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa, u bil-parteċipazzjoni tas-Siġġiewi Festival Brass Band. Issegwi l-attivita' tal-Mixgħela tas-Salib tal-Għolja, b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet tal-Armar u l-Każin Banda San Nikola. Is-Sindku qal li saru diversi laqgħat ta' koordinament kemm mal-Pulizija u anka mal-Arċipriet għal dawn l-attivitajiet. |
| **434.3.6** | Is-Sindku informa li llum ġie ppubikat it-tender għas-safety flooring tal-Playground Nalizpelra. Sadattant, minħabba periklu, il-gradi ġew magħluqa minħabba periklu u riskju li jweġġa xi ħadd bil-kundizzjoni attwali tal-madum tal-art. |

**434.3.7** Is-Sindku informa li nħareġ il-permess tal-Family Park ta' Triq Salvu Borg Olivier. Infurmat li l-proċess minn naħa tal-INDIS lest. Il-Kunsill intalab jagħmel garanzija bankarja fuq il-manutenzjoni tal-ġnien. Is-Sindku qal li eventwalment it-triq ser tibda tiġi żgombrata minn kull tip ta' trailers biex ikun jista' jiskatta x-xogħol.

**434.3.8** Is-Sindku qal li x-xogħol ta' tneħħija ta' asbestos fi Triq l-Imdina miexi. It-triq tinsab magħluqa għat-traffiku minħabba dan sakemm jitlesta x-xogħol.

**434.3.9** Is-Sindku qal li hu infurmat li l-Kuntratt għax-xogħol taz-zuntier qed jiġi ffinalizżat biex fil-ġimgħat li ġejjin isir l-iffirmar uffiċjali bejn il-Ministeru u l-Kurja.

**434.3.10** Is-Sindku qal li kien avviċinat mill-Għaqda tan-Nar rigward il-proposta li kienu għamlu preċedentement fejn talbu €3500 għal ħruq tan-nar u qed jipproponu li dan jiżdied man-nar tal-festa. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-Kunsill m'għandux iħallas għan-nar tal-festa tal-Padrun li hija tal-Parroċċa iżda kif ġie diskuss qabel, din l-għotja tkun għal attivita' tal-Kunsill bħal festa għeneb, anka peress li l-għaqdiet diġa għandhom għajnuna mill-Gvern Ċentrali fejn tidħol festa tal-qaddis. Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet id-data meta ser issir festa għeneb u qalet li peress li żmien il-vendemmja huwa Awissu, ssir dak iż-żmien. Is-Sindku qal li meta tikkunsidra l-attivitajiet li jkun haw f'dak il-perijodu, iż-żmien idejali għal attendenza kif xehed fl-attivita' tas-sena l-oħra huwa għal nofs Settembru.

**434.3.11** Is-Sindku informa li saret laqgħa dwar il-pjan tal-istrateġija reġjonali tal-Kultura għas-sena 2023, fejn ġiet proposta l-ideja ta' festival tan-nar tar-reġjun. Qed jiġi ssuġġerit li dan isir f'April jew f'Settembru.

**434.3.12** Is-Sindku qal li saret laqgħa ta' handover bejn il-Perit preċedenti u l-Perit li beda jaħdem bil-kuntratt il-ġdid. Kien hemm ftehim li l-Perit preċedenti jibqa' jaħdem fuq proġetti pendenti, filwaqt li fi proġetti fil-fażi inizjali isir 'change of architect' u jsegwihom il-Perit il-ġdid.

**434.3.13** Is-Sindku qal li sussegwentement il-proċess ta' ingaġġ ta contracts manager ma ħalliex il-frott meħtieġ peress li ma kienx hemm applikanti validi, u fid-dawl Ii jinħass il-ħtieġa li jkun hemm persuna responsabbli mix-xogħol fuq barra, anke peress li l-amministrazzjoni ma tistax tlaħħaq mal-volum ta' xogħol kemm fl-uffiċċju u anke fuq barra, ittieħdet l-azzjoni li jinġiebu kwotazzjonijiet biex jiġi ingaġġat persuna li taqdi dan l-irwol.

**434.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**434.4.1** Il-Kunsillier Julian Borg saqsa dwar is-sitwazzjoni tal-manutenzjoni tal-bankini imkissra li ilhom li ssemmew xhur iżda għadu ma sar l-ebda xogħol. Il-Kunsillier Borg qal li hemm periklu u hemm bżonn li tittieħed azzjoni immedjata. Huwa qal li l-post li ttella' fuq il-midja soċjali, tellagħha bħala kunsillier u mhux bħala perit u għandu kull dritt iressaq l-ilmenti tar-residenti u jsegwihom. Is-Sindku qal li huwa jaġixxi fl-interess tal-Kunsill u kieku ma hemmx problema ta' fondi hemm ħafna xogħol x'isir. Iżda bħal ma jaf kulħadd, il-fondi tal-Kunsill huma limitati ħafna u jridu jintefqu b'galbu. Is-Sindku qal li bħal ma l-Kunsill infurmat, hemm committment minn Infrastructure Malta li l-bankina kollha fi Triq Papa Pawlu VI hija inkluża fix-xogħolijiet li ser isiru din is-sena stess u ma jagħmilx sens li l-Kunsill jagħmel ix-xogħol hu. Is-Sindku qal ukoll li bħal ma l-Kunsill jaf, jagħmel il-pressjoni kollha mal-awtoritajiet biex ċertu xogħolijiet isiru mill-iktar fis.

**434.4.2** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa fuq xogħolijiet li qed isiru fil-Wied Ta' Manduca, it-telgħa ta' San Lawrenz. Il-Kunsillier qal li qed iwassal il-prejokkupazzjoni ta' diversi bdiewa minħabba li qed isir tħammil viċin il-ħitan tas-sejjiegħ u għalhekk qed jistaqsu x'tip ta' xogħol sa jsir.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kienx infurmat b'dawn ix-xogħolijiet u s-Segretarju Eżekuttiv kitbet lit-Taqsima tal-Widien biex tistħarreġ dwar dan. Mill-informazzjoni, ix-xogħol qed isir minn Projects Green, preċedentement Ambjent Malta.
Is-Sindku qal li talab laqgħa on site biex ikollu iktar dettalji dwar dan ix-xogħol u anka biex iressaq dawn l-ilmenti tal-bdiewa.

**434.5 Rappreżentanza tal-Kunsill fil-Gal Majjistral**

**434.5.1** Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie infurmat li mhux qed ikun hemm rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Siġġiewi fil-laqgħat u dan qed itellef minn opportunitajiet ta' finanzjament. Is-Sindku qal li l-GAL Majjistral joħorġu diversi miżuri minn żmien għal żmien, u l-Kunsill għandu jibbenefika minn dawn il-fondi biex isiru proġetti li bil-fondi tal-allokazzjoni mhux possibbli jsiru. Hu qal li l-Kunsill għandu stedina mill-GAL għal konferenza bis-suġġett 'The Importantce of Forests and Woodland within Climate Change Context', proġett b'fondi Ewropej. Fil-ġimgħat li ġejjin ser issir il-Laqgħa ġenerali Annwali tal-Gal Majjistral. Is-Sindku informa wkoll li ġew mogħtija tlett siġriet biex jitħawlu fil-lokalita'.

**434.6 Ftehim mal-Kulleġġ San Injazju dwar l-użu tal-Pixxina**

**434.6.1** Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-Kap tal-Iskola Primarja rigward ftehim li kien hemm fis-snin passati ta' għotja ta' €1000 fis-sena mill-Kunsill. Is-Sindku qal li saqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar dan, fejn instab li dan il-ftehim kien skada. Huwa qal li l-ftehim kien tramite SportMalta għal manutenzjoni tal-pixxina biex din tkun tista' tintuża u titgawda mir-residenti Siġġiwin. Is-Sindku propona li dan il-ftehim jiġi imġedded bl-istess kundizzjonijiet, jiġifieri li l-pixxina tista' tintuża mir-residenti u bil-possibilta' li jsiru lezzjonijiet tal-għawm fix-xhur tas-sajf. Huwa qal li l-ftehim u l-pagament jiġu preżentati fl-okkażjoni tal-attivita' tal-iskola li hemm fl-4 t'April. Il-Kunsilliera Francine Farrugia talbet biex fil-ftehim tiġi inkluża klawsola biex ma jsir l-ebda pagament extra relatat mal-użu tal-pixxina. Il-Kunsill unanimament approva.

**434.7 Restawr tal-Kappella taċ-Ċwerra**

**434.7.1** Is-Sindku qal li għandu informazzjoni li l-ownership tal-Kappella ta' Santa Marija taċ-Ċwerra ġie trasferit lill-Kurja uffiċjalment. Il-Kunsill ġie infurmat li fil-ġimgħat li ġejjin ser jintrama scaffolding mad-dawra kollha tal-kappella biex eventwalment jibda x-xogħol ta' tiswija. Sadattant, il-Kunsill neħħa l-bankijiet u l-qsari li kien hemm biswit il-kappella u tpoġġew barrikati mill-pulizija minħabba periklu.

**434.8 Approvazzjoni tal-ftehim tal-Ġemellaġġ ma' Malbork**

**434.8.1** Is-Sindku qara abbozz tal-ftehim tal-ġemellaġġ, li jibbaża fuq id-diversi punti komuni bejn is-Siġġiewi u Malbork, l-għan u l-oġġettiv tal-ftehim bejn iż-żewġt ibliet. Is-Sindku talab l-approvazzjoni. Il-Kunsillier qabel unanimament mal-abbozz kif preżentat. Is-Sindku qal li issa dan l-abbozz għandu jintbagħat Malbork tramite l-Ambaxxatur ta' Malta fil-Polonja biex jekk ikun hemm qbil, jiġi tradott għall-lingwa Pollakka. Huwa previst li delegazzjoni mill-Kunsill Lokali tas-Siġġewi żżur Malbork f'Lulju, fejn imbgħad issir stedina reċiproka f'Settembru, idejalment fil-ġimgħa ta' Festa Għeneb, biex isservi bħala vetrina għal prodott agrikolu lokali.

**434.9 Proġett Komunitarju fiż-żona Ramija**

**434.9.1** Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Green projects fejn ġie preżentat il-Proġett Komunitarju f'Ramija peress li dan il-proġett kien jidher li tpoġġa fuq l-ixkaffa. B'referenza għal dan, is-Sindku rrefera għall-korrispondenza riċevuta mingħand id-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet, datata 6 ta' Marzu 2023, fejn tagħti viżibilta' tal-proċess ta' dan il-proġett. Is-Sindku qal li prattikament hemm committment li l-implimentazzjoni tibda' fit-tielet kwart tas-sena.

434.10 **Proġett propost fiż-żona tal-Hesri**

434.10.1 Is-Sindku qal li saru diskussjonijiet dwar diversi proposti għal żoni fis-Siġġiewi idejali biex isir proġett b'kunċett bejn ambjent urban u ambjentali. Ġie identifikat Ġnien il-Ħajja, li preżentement qiegħed il-bogħod minn dan il-kunċett, u għalhekk ser tiġi studjata l-possibilta' u proposta b'inizjattivi 'green'.

434.11 **Mozzjoni dwar proposta ta' sigurta' fi Triq Dun Manwel Zammit**

434.11.1 ***Is-Sindku stieden lill-proponent jaqra l-mozzjoni. Il-Kunsillier Julian Borg qara l-mozzjoni.***

434.11.2 *MOZZJONI DWAR PROPOSTA TA' SIGURTA FI TRIQ DUN MANWEL ZAMMIT, SIGGIEWI*

*Billi numru ta' residenti jinsabu mħassbin b'nuqqas ta' sigurta' fi Triq Dun Manuel Zammit, tħassib relatat ma' veloċita' eċċessiva u nuqqas ta' żoni li jippermettu li wieħed jaqsam it-triq b'mod siġur;*
*Billi numru ta' residenti jużaw il-faċilitajiet sportivi, is-servizz bażiku ta' l-iskema BCRS Malta Ltd u numru ta' ħwienet fil-madwar, liema servizzi jinsabu fuq in-naħat opposti tat-triq;*
*Billi b'arrangament ta' traffiku li sehh fix-xhur li għaddew fi Triq Dr. Nikola Zammit, żdied b'mod sostanżjali it-traffiku fi Triq Dun Manwel Zammit;*
*Billi din il-materja ilha tiġi diskussa għal numru ta' seduta tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, b'mod partikolari f'Laqgħa Nru.359, Laqgħa Nru.380 u Laqgħa Nru.400;*
*Billi teżisti diġa approvazzjoni ta' L-Awtorita' dwar it-Trasport datata 25 ta' Frar 2021 sabiex tlett raised humps eżistenti jiġu mibdula f'raised belisha light crossing (Dok.01);*

*Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn 13 ta' Marzu 2023;*
*1. Jirriżolvi li jiskatta proċess sabiex dak li ġie approvat mill-Awtorita' dwar it-Trasport fuq rakkommandazzjoni tal-Kunsill Lokali Siġġiewi jiġi implimentat sabiex jitnaqqas il-periklu li preżentament jinsab fi Triq Dun Manuel Zammit, is-Siġġiewi.*

Proponent: Il-Perit Julian Borg
Sekondanti: Il-Kunsilliera Francine Farrugia u Gillian Farrugia Pace

434.11.3 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li diversi ġenituri huma prejokkupati biex jafdaw lit-tfal imorru l-grawnd weħidhom minħabba sewqan eċċessiv fi Triq Dun Manwel Zammit, u qed iwassluhom huma. Dan qed joħloq iktar problemi, b'konfużjoni ta' vetturi u anka iktar periklu fiż-żona.

434.11.4 Is-Sindku qal li jaqbel perfettament mal-kunċett ta' din il-mozzjoni u fejn hemm periklu, l-Kunsill huwa impenjat biex iżid is-sigurta'. Is-Sindku qal li diġa iddiskuta' l-kontenut tal-mozzjoni u hemm qbil mal-kontenut. Iżda, qed jippreżenta kontro mozzjoni fuq l-aħħar biċċa dwar l-implimentazzjoni ta' dan ix-xogħol, filwaqt li jibni fuq il-bażi tal-mozzjoni oriġinali. Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-Kunsill hu konxju tad-dewmien mill-entitajiet, iżda dejjem tista' ssir pressjoni anka bil-għajnuna tar-Reġjun. Is-Sindku preżenta kontro-mozzjoni għall-mozzjoni oriġinali.

434.11.5 ***Kontro-mozzjoni dwar proposta ta' sigurta' fi Triq Dun Manwel Zammit, is-Siġġiewi***

*Billi numru ta' residenti jinsabu mħassbin b'nuqqas ta' sigurta' fi Triq Dun Manuel Zammit, tħassib relatat ma' veloċita' eċċessiva u nuqqas ta' żoni li jippermettu li wieħed jaqsam it-triq b'mod siġur;*
*Billi numru ta' residenti jużaw il-faċilitajiet sportivi, is-servizz bażiku ta' l-iskema BCRS Malta Ltd u numru ta' ħwienet fil-madwar, liema servizzi jinsabu fuq in-naħat opposti tat-triq;*

*Billi b'arrangament ta' traffiku li seħħ fix-xhur li għaddew fi Triq Dr. Nikola Zammit, żdied b'mod sostanżjali it-traffiku fi Triq Dun Manwel Zammit;*
*Billi teżisti diġa approvazzjoni ta' L-Awtorita' dwar it-Trasport datata 25 ta' Frar 2021 sabiex tlett raised humps eżistenti jiġu mibdula f'raised belisha light crossing (Dok.01);*
*U billi l-Kunsill Lokali ħaseb għal miżuri addizjonali sabiex apparti it-tliet raised belisha light crossing, jiġu introdotti miżuri oħra ta' sigurta';*
*U billi l-Kunsill Lokali jemmen li dawn l-interventi ta' introduzzjoni ta' tliet raised belisha light crossing għandhom jsiru minn Transport Malta, sabiex nassiguraw li dawn l-intreventi jsiru skond l-istandards rikjesti;*

*Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn 13 ta' Marzu 2023;*
*1. Jirriżolvi li l-kunsill jagħmel talba lil Transport Malta, sabiex l-istess Awtorita' timplimenta dak li ġie approvat mill-Awtorita' dwar it-Trasport fuq rakkommandazzjoni tal-Kunsill Lokali Siġġiewi bl-iskop li jitnaqqas il-periklu li preżentament jinsab fi Triq Dun Manuel Zammit, is-Siġġiewi.*
*2. Jirriżolvi li ġaladarba il-miżuri addizjonali li se jkun qiegħed jipproponi l-Kunsill Lokali Siġġiewi jiġu approvati mill-Awtorita' kompetenti, dawn jiġu implimentati mill-istess Kunsill.*

Proponent: Is-Sindku Dominic Grech
Sekondant: Il-Viċi Sindku Rodianne Haber, Il-Kunsilliera Kurstein Sant u Adrian Farrugia

**434.11.6** Is-Sindku talab votazzjoni fuq il-kontro-mozzjoni.
Votazzjoni: Il-kontro-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**434.12** **Mozzjoni dwar il-proġett tal-akkomodazzjoni soċjali ġewwa Triq Nikola Bonello, Triq Dun Anton Vella, Triq Mons. F.X.Mangion u Triq Wied Hesri, ġewwa is-Siġġiewi**

**434.12.1** Is-Sindku stieden lill-proponent jaqra l-mozzjoni.
Il-Kunsillier Julian Borg qara l-Mozzjoni.

**434.12.2** ***Mozzjoni dwar il-proġett tal-akkomodazzjoni soċjali ġewwa Triq Nikola Bonello, Triq Dun Anton Vella, Triq Mons. F. X. Mangion u Triq Wied Hesri, ġewwa is-Siġġiewi***

*Billi skond PA/00534/19 ġie approvat permess mil-Awtorita' tal-Ippjanar, sabiex fis-sit li jikkonfina ma' Triq Nikola Bonello, Triq Dun Anton Vella, Triq Mons. F. X. Mangion u Triq Wied Hesri, ġewwa is-Siġġiewi jinbena 189 appartament, b'41% (sebgħa u sebgħin (77)) minnhom appartamenti ta' kamra tas-sodda waħda.*
*U billi l-Kunsill Lokali Is-Siġġiewi diġa għamel numru ta' rakkomandazzjonijiet waqt l-istadju ta' l-applikazzjoni kemm quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar kif ukoll quddiem l-Awtorita tad-Djar, liema rakkomandazzjonijiet ġew injorati.*
*U billi il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ma ingħata l-ebda informazzjoni, sad-data ta' din il-mozzjoni, kemm mil-Awtorita tad-Djar jew il-Ministru responsabbli, fir-rigward ta' studji tekniċi jew soċjali ta' kif dan l-iżvilupp ser jolqot din iż-żona u r-residenti.*
*U billi l-Impact Assessment Report mitlub fid-29 ta' April 2021 u 27 ta' Mejju 2021, mil-Kunsill lokali tas-Siġġiewi lill-Awtorita' tal-Ippjanar, qatt ma wasal għand il-Kunsill lokali.*
*U billi l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għandu l-obligu li jħares l-interess tar-residenti billi jassigura l-aħjar kwalita' ta' għixien f'din il-lokalita', kemm għar-residenti preżenti u kemm dawk li ser jiġu joqgħodu fil-binja approval permezz ta' PA/00534/19.*
*U għalkemm matul ix-xhur li għaddew diga beda ix-xogħol ta' skavar, xorta għad jeżisti lok għal diskussjoni sabiex il-proġett jista jinbidel f'wieħed komunitarju u ta' benefiċju għar-residenti Siġġiwin.*

*Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn 13 ta' Marzu 2023;*

*1. Jirriżolvi li għandu jitlob lil Awtorita' ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali sabiex il-proġett jiġi emendat b'tali mod li titnaqqas il-population density minn dak li approvat fil-permess PA/00534/19 u għalhekk tagħti kwalita' ta' ħajja aħjar lir-residenti preżenti u dawk li ser jibbenefikaw minn dan il-proġett.*

*2. Jirrizolvi li għandu jitlob għal disinn ġdid fejn jagħti apparenza iktar koerenti mal-madwar u jiġu nklużi spażji miftuħa għal pubbliku f'istess sit.*

*3. Jirrizolvi li dan il-proġett għandu jgħin biex titnaqqas u mhux tiżdid il-problema tal-parkegg billi l-garaxxijiet ta' taħt l-art jiġu mibdula f'parkeġġ pubbliku.*

*4. Jirriżolvi illi jitlob laqgħa fil-ġranet li ġejjin mal-Ministru responsabbli mil-Akkomodazzjoni Soċjali – l-Onor. Roderick Galdes kif ukoll il-Kap Eżekuttiv ta' l-Awtorità tad-Djar biex iwassal direttament lilhom it-tħassib tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi f'isem ir-residenti, kif ukoll iressaq numru ta' rakkomandazzjonijiet.*

*Kopja ta' din ir-riżoluzzjoni kif approvata għandha tintbagħat lill-Ministru responsabbli mil-Akkomodazzjoni Socjali – l-Onor. Roderick Galdes, lill-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali – L-Onor. Owen Bonnici, lis-Segretarju Parlamentari – l-Onor. Alison Zerafa Civelli, lill-Awtorità tad-Djar, lill-Membri Parlamentari kollha eletti mid-distrett li minnu jifforma parti s-Siġġiewi, kif ukoll tiġi ppubblikata bħala stqarrija għall-mezzi tax-xandir.*

Proponent: Il-Kunsillier Julian Borg
Sekondant: Il-Kunsilliera Francine Farrugia u Gillian Farrugia Pace

**434.12.3** Il-Kunsillier Julian Borg qal li din il-mozzjoni ħarġet mill-polz tar-residenti Siġġiwin li huma inkwetati b'dan l-iżvilupp. Filwaqt li hemm qbil mal-akkomodazzjoni soċjali bħala kunċett, il-Kunsillier Borg qal li dan il-proġett għadu fil-fażi inizjali, fejn il-Kunsill għadu fiċ-ċans li jsemma leħnu. Hu qal li l-problema eżistenti ta' parkeġġ fiż-żona ser tiżdied. Propona li ssir laqgħa urġenti mal-Awtorita' tad-Djar biex isir parkeġġ taħt l-art, issa li qegħdin fil-fażi tat-tħaffir. Il-Kunsillier Borg qal li d-diżinn huwa skadut u kien tajjeb forsi għal snin ilu meta inbena il-housing tal-Hesri, iżda għal lum mhux ġustifikat u għandu jinbidel għal diżinn attrajenti fejn tingħata importanza lill-estetika tal-post, anka għal beneiffju ta' min sejjer joqgħod hemm.

**434.12.4** Il-Kunsillier Francine Farrugia qalet li d-diżinn tad-djar joħloq impatt negattiv kemm fiżiku u anka mentali, u kull bniedem jixraqlu ambjent fejn jgħix attraenti. Hija talbet li jingħata rispett lejn min ser jibbenefika minn din l-akkomodazzjoni soċjali u għandu jkollhom abitazzjoni dinjituża.

**434.12.5** Is-Sindku qal li hemm diversi punti li ma jaqbilx magħhom. Huwa qal li sema l-kummenti tar-residenti tal-inħawi u konxju li kull żvilupp iġib miegħu sfidi ġodda. Is-Sindku qal li ddiskuta din il-mozzjoni mal-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Kurstein Sant u Adrian Farrugia u jaqblu fuq il-prinċipju, iżda konvinti li l-Kunsill huwa limitat fis-sehem tiegħu. Huwa qal li diġa saru diversi sottomissjonijiet mill-Kunsill iżda d-deċiżjoni finali hija finalment għand l-Awtorita' tad-Djar. Is-Sindku qal li jeżistu idejat żbaljati mill-pubbliku dwar is-sehem u l-aspettativi li l-Kunsill għandu u għandu jkun hemm aproċċ rejalistiku dwar il-poteri reali tal-Kunsill.

**434.12.6** Wara diskussjoni, is-Sindku preżenta kontro-mozzjoni kif tidher hawn taħt:

**434.12.7** **Kontro-Mozzjoni dwar il-proġett tal-akkomodazzjoni soċjali ġewwa Triq Nikola Bonello, Triq Dun Anton Vella, Triq Mons. F.X.Mangion u Triq Wied Ħesri, ġewwa is-Siġġiewi**

*Billi skond PA/00534/19 ġie approvat permess mil-Awtorita' tal-Ippjanar, sabiex fis-sit li jikkonfina ma' Triq Nikola Bonello, Triq Dun Anton Vella, Triq Mons. F. X. Mangion u Triq Wied Hesri, ġewwa is-Siġġiewi jinbena 189 appartament, b'41% (sebgħa u sebgħin (77)) minnhom appartamenti ta' kamra tas-sodda waħda.*
*U billi l-Kunsill Lokali Is-Siġġiewi diġa għamel numru ta' rakkomandazzjonijiet waqt l-istadju ta' l-applikazzjoni kemm quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar kif ukoll quddiem l-Awtorita tad-Djar;*
*U billi il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi wara is-segwenti rakkomandazzjonijiet, kien hemm numru ta' rakkomandazzjonijiet mressqa minnu li ġew aċċettati;*
*U billi l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kellu u għandu l-obbligu permezz tar-rakomandazzjonjiet li ressaq, bl-għan li jħares l-interess tar-residenti, filwaqt li jassigura l-aħjar kwalita' ta' għixien f'din il-lokalita', kemm għar-residenti preżenti u kemm dawk li ser jiġu joqgħodu fil-binja bl- approvazzjoni tal-permezz ta' PA/00534/19.*
*U waqt li matul ix-xhur li għaddew diġa beda ix-xogħol ta' skavar, hekk kif il-permessi neċessarji għal dan l-iżvillup ġew approvati mill-Awtorita' tal-Ippjanar, dan il-Kunsill kien, qed ikompli u se jkompli jsegwi b'interess l-iżvillup ta' dan il-proġett, sabiex jassigura l-inqas impatt possibli fuq ir-residenti u familji Siġġiwin.*

*Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn 13 ta' Marzu 2023;*
*1. Jirriżolvi li fit-twettieq ta' dan il-proġett li hu approvat fil-permess PA/00534/19 ikun hemm sinerġija akbar bejn l-Awtorita' tad-Djar u l-Kunsill Lokali Siġġiewi, kif ukoll mal-istakeholders kollha involuti sabiex niggarantixxu kwalita' ta' ħajja aħjar lir-residenti preżenti kif ukoll dawk li ser jibbenefikaw minn dan il-proġett.*

*2. Jirrizolvi li dan il-proġett, apparti li wara r-rakkomandazzjonijiet mressqa minn dan il-Kunsill, l-allokazzjoni għal parkeġġi irdupjat fl-ammont, il-Kunsill se jkun qed jimpenja ruħu sabiex jintlaħaq bilanċ bejn l-ispazzji ħodor li hemm bżonn aktar minnhom f'din iz-zona, u spazju għal aktar parkeġġi ma' dawk diġa allokati u miżjuda mill-Awtorita' tad-Djar fuq talba ta' dan l-istess Kunsill Lokali;*

*3. Jirriżolvi illi fil-jiem li ġejjin dan il-Kunsill Lokali se jintensifika il-kollaborazzjoni tiegħu mal-Aġenzija Project Green sabiex naħdmu fuq proġett ambjentali ġdid f'din iż-żona, wara li diġa kien hemm diskussjonijiet preliminari dwar proġett ambjentali u walking trail li tgħaqqad is-sit tal-out-door-gym ma' Ġnien l-armonija, u li jikkumplimenta mal-green areas li diġa ġew stabbiliti minn naħa tal-Awtorita' tad-Djar li għandhom jiġu inkorporati fil-proġett tagħha.*

Proponent: Is-Sindku Dominic Grech
Sekondanti: Il-Viċi Sindku Rodianne Haber, Il-Kunsilliera Kurstein Sant u Adrian Farrugia

**434.12.8** Il-Kunsillier Julian Borg qal li r-rakkomandazzjonijiet li kien ressaq il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ma ġewx aċċettati. Il-Kunsillier Julian Borg elenka diversi rakkomandazjonijiet fosthom id-disinn, il-problema tal-iskart, il-problema tat-traffiku b'żieda ta' 250 vettura, it-talba tal-impact assessment report li l-Kunsill kien talab iżda qatt ma ġie preżentat. Il-Kunsillier Borg qal li din il-kontro mozzjoni, telimina it-talba għall-impact assessment report li kien intalab mill-Kunsill. Hu qal li jabel li l-Kunsill jibqa f'diskussjoni matul l-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet tal-proġett u dan dejjem għandu jkun m'hemmx għalfejn tiġi mniżżla f'mozzjoni. Qal ukoll li d-diskussjoni ma' project Green li jgħaqqad walking/cycling lane huwa tajjeb imma irrilevanti għall-mozzjoni għalkemm jaqbel mal-kunċett.

| | |
|---|---|
| **434.12.9** | Is-Sindku talab votazzjoni għall-kontro-mozzjoni.<br>Votazzjoni: 4 favur (Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Kurstein Sant u Adrian Farrugia)<br>2 kontra (Il-Kunsilliera Julian Borg u Francine Farrugia)<br>Il-Kontro-mozzjoni ġiet approvata. |
| **434.12.10** | Peress li kienu għaddew tlett sigħat mill-bidu tal-laqgħa, is-Sindku propona li titkompla l-laqgħa skond l-Aġenda. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda. Il-Kunsill unanimament approva. |
| **434.12.12** | **Il-Kunsillier Adrian Farrugia ħareġ mill-laqgħa fid-9.15pm.** |
| **434.13** | **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar** |
| **434.13.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi. |
| **434.13.2** | Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi rimarki dwar xi applikazzjoni. Il-Kunsilliera Francine Farrugia ġibdet l-attenzjoni dwar applikazzjoni PA1004/23 u talbet iktar informazzjoni. |
| **434.13.3** | Il-Kunsillier Julian Borg ġibed l-attenzjoni dwar applikazzjoni PA00700/23 u PA651/23. |
| **434.14** | **Rapport tal-Korrispondenza** |
| **434.14.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondza mill-aħħar Seduta sal-lum.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat talba minn resident għall-installazjoni ta' sleeping police quddiem ir-residenza fi Triq San Nikola. Il-Kunsill qabel li tintbagħat applikazzjoni għall-permess lil TM. |
| **434.14.2** | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondeza mill-Ministeru għall-Agrikoltura rigward l-involviment tal-Kunsilli Lokali fl-Imnarja. Is-Sindku qal li d-data proposta għas-Siġġiewi tinzerta l-għada tal-festa ta' san Nikola, u dakinhar ir-raħal ikun deżert minn nies, u għalhekk mhix id-data idejali. Hu qal li dati oħra proposti ma ġewx ikkunsidrati għax ma jkunux viċin l-Imnarja. |
| **434.15** | **Rapport tal-ilmenti** |
| **434.15.1** | Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum. |
| **434.16** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| **434.16.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti. |
| **434.16.2** | Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu. |
| **434.17** | **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ** |
| **434.17.1** | Il-Kunsillier Kurstein Sant ġibed l-attenzjoni dwar iċ-ċint fi Triq Mons Mikiel Azzopardi li qed jinħott. Huwa talab biex jitranġa. |

**434.17.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet il-possibilita' li jinxtraw ammont ta' kotba adatti għaż-żagħżagħ biex jitpoġġew fil-librerija. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ser tinħareġ skema għal-libreriji fil-jiem li ġejjin.

**434.17.3** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li qed ikun hemm konfużjoni ta' parkeġġ fi Triq San Nikola mal-ġenb tal-Knisja m'mod speċjali filgħaxija u fil-weekend.

**434.17.4** Il-Kunsilliera Francine Farrugia infurmat li bdiet tikkoordina l-korsijiet għas-Sajf fosthom lezzjonijiet tal-għawm fil-pixxina tal-iskola u tal-kompjuter.

**434.18 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**434.18.1** Il-laqgħa intemmet fid-9.45 ta' filgħaxija.

**434.18.2** Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 9 t'April 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 9 t'April 2023

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv